

31997R2326

26.11.1997

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 323/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2326/97**tal-25 ta' Novembru 1997****li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 32/82 li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-għoti ta' rifużjonijiet speċjali ta' l-espportazzjoni għaċ-ċanga u l-vitella**

IL-KUMMISSJONI TAL-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2222/96 ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 13 (12) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 32/82 ⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3169/87 ⁽⁴⁾, jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-għoti ta' rifużjonijiet speċjali fuq iċ-ċanga u l-vitella;

Billi l-karkassi h'fief u r-rbiegħ warranija mhux separati tal-bhejjem ta' l-ifrat maskili adulti jiġu ħafna drabi ppreżentati b'ċertu skart imwaħħal; billi dan ta' l-aħħar ma jikkwalifikax għall-finijiet ta' l-għoti tar-rifużjonijiet; billi għandhom isiru disposizzjonijiet biex il-piż ta' dawn il-karkassi u r-rbiegħ warranija jiġi korrett fejn il-fwied u/jew il-kliewi jkunu mqabbda;

Billi, għal raġuni ta' ċarezza, għandu jiġi stabbilit li ċ-ċertifikat imsemmi fl-Anness, li għandu jintwera meta l-formalitajiet doganali għall-espportazzjoni jkunu qed isiru, għandu jintbagħat permezz tal-mezzi amministrattivi lill-aġenzija responsabbli għall-ħlas tar-rifużjonijiet wara li jitlestew il-formalitajiet imsemmija;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 798/80 ⁽⁵⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 471/87 ⁽⁶⁾, u (KEE) Nru 2730/79 ⁽⁷⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru

1180/87 ⁽⁸⁾, kienu ġew revokati mir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3665/87 tas-27 ta' Novembru 1987 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tar-rifużjonijiet għall-espportazzjoni fuq prodotti agrikoli ⁽⁹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2114/97 ⁽¹⁰⁾; billi r-referenzi għal dawn ir-Regolamenti għandhom għalhekk jiġu aġġornati fir-Regolament in kwistjoni;

Billi, mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tat-Taħditiet ta' l-Urugwaj dwar l-Agrikoltura, il-Kummissjoni tinsab f'pożizzjoni li tikkontrolla l-kwantitajiet li fuqhom jingħataw rifużjonijiet speċjali, bl-użu ta' liċenzi ta' l-espportazzjoni; billi l-komunikazzjonijiet mill-Istati Membri kif previst fl-Artikolu 4a tar-Regolament (KEE) Nru 32/82 jistgħu għalhekk jieqfu;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-ċanga u l-Vitella, (4)

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 32/82 qed jiġi emendat kif ġej:

1. Dan il-paragrafu 3 qed jiżdied ma' l-Artikolu 1:

“3. Meta l-karkassi jew ir-rbiegħ warranija li ma jkunux separati jiġu ppreżentati flimkien mal-fwied u/jew mal-kliewi, il-piż tal-karkassa għandu jitnaqqas bi:

— 5 kg għall-fwied u l-kliewi flimkien,

— 4,5 kg għall-fwied,

— 0,5 kg għall-kliewi”;

⁽¹⁾ ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 24.

⁽²⁾ ĠU L 296, tal-21.11.1996, p. 50.

⁽³⁾ ĠU L 4, tat-8.1.1982, p. 11.

⁽⁴⁾ ĠU L 301, ta' l-24.10.1987, p. 21.

⁽⁵⁾ ĠU L 87, ta' l-1.4.1980, p. 42.

⁽⁶⁾ ĠU L 48, tas-17.2.1987, p. 10.

⁽⁷⁾ ĠU L 317, tat-12.12.1979, p. 1.

⁽⁸⁾ ĠU L 113, tat-30.4.1987, p. 27.

⁽⁹⁾ ĠU L 351, ta' l-14.12.1987, p. 1.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 295, tad-29.10.1997, p. 3.

2. l-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' l-Artikolu 2(2) għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Din il-prova għandha tiġi pprovduta permezz ta' ċertifikat, li l-eżemplari tiegħu qed jidher fl-Anness, maħruġ fuq talba tal-parti kkonċernata mill-aġenzija ta' l-intervent jew minn kull awtorità oħra nnominata għal dak il-għan mill-Istat Membru fejn ikunu nqatlu l-animali. Id-dokument għandu jiġi ppreżentat lill-awtoritajiet tad-dwana meta jsiru l-formalitajiet doganali għall-esportazzjoni u għandu jintba-għat permezz tal-mezzi amministrattivi lill-aġenziji respon-sabbli għall-ħlas tar-rifużjoni wara li jitlestew il-formalitajiet imsemmija. Dawk il-formalitajiet għandhom isiru fl-Istat Membru fejn l-animali jkunu nqatlu.

Madanakollu, fejn il-prodotti jitqiegħdu taħt l-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 565/80 (*) iċ-ċertifikat imsemmi fis-subparagrafu ta' qabel għandu jiġi ppreżentat lill-awtoritajiet tad-dwana fil-ħin meta jkunu qed isiru l-formalitajiet doganali msemmija fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru

3665/87 (**). Minkejja dak ir-Regolament, l-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 28(4)(b), (c) u (d) tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87 m'għandhomx jiġu awtorizzati fejn jgħodd dan is-subparagrafu.

(*) ĠU L 62, tas-7.3.1980, p. 5.

(**) ĠU L 351, ta' l-14.12.1987, p. 1.;

3. fit-tieni paragrafu ta "l-Artikolu 3, "l-Artikolu 5 tar-Regola-ment (KEE) Nru 2730/79 "qed jiġi sostitwit bl-Artikolu 34 tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87";
4. L-Artikolu 4a qiegħed jitħassar;
5. L-Anness qed jinbidel b'dan l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 25 ta' Novembru 1997.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

1 L-esportatur jew l-applikant	ĊERTIFIKAT taċ-ċanga minn annimali bovini adulti Nru: Ir-Regolament (KEE) 32/82
2 Il-konsenjatarju ⁽¹⁾	3 L-awtorità li qed toħroġ iċ-ċertifikat

NOTI

A. . Il-laħam irid jiġi deskritt skond in-nomenklatura użata għar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjon.

4 Il-mezzi tat-trasport ⁽¹⁾	<p>B. Dan iċ-ċertifikat għandu jingħata lill-uffiċċju tad-dwana fejn isiru l-formalitajiet doganali għall-esportazzjoni jew id-depożitu f'maħżen tad-dwana jew f'żona ħielsa.</p> <p>C. L-uffiċċju doganali kkonċernat għandu jibgħat dan iċ-ċertifikat, wara li jiġi ffirmat, lill-aġenzija responsabbli għall-ħlas tar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni.</p>	
<p>5 Il-marki, in-numri ⁽¹⁾, u l-għadd tal-bċejjeċ, id-deskrizzjoni tal-laħam</p> <ul style="list-style-type: none"> — Bl-iskart mhux separat ⁽²⁾ — Bla skart mhux separat ⁽²⁾ 	6 Is-subintestatura tan-nomenklatura kkombinata	7 Il-piż nett (kg) ⁽³⁾
8 L-għadd tal-bċejjeċ fi kliem		
9 Rimarki speċjali		
<p>10 DIKJARAZZJONI TA' L-AWTORITÀ LI QED TAWTORIZZA</p> <p>Il-persuna li hawn taħt iffirmat tiddikjara li l-laħam hawn fuq deskritt ġej minn bhejjem bovini adulti. Il-mezzi wżati għall-identifikazzjoni:</p>		
<p>11 IĊ-ĊERTIFIKAZZJONI TAD- DWANA</p> <p>Il-formalitajiet doganali għall-esportazzjoni jew id-depożitu f'maħżen tad-dwana jew f'żona ħielsa rigward il-laħam fuq deskritt ġew mitmuma.</p> <p>Id-dokument tad-dwana:</p> <p>It-tip:</p> <p>In-numru:</p> <p>Id-data:</p> <p>(Il-firma) (It-timbru)</p>	<p>Il-post:</p> <p>Id-data:</p> <p>(Il-firma) (It-timbru u s-siġill stampat)</p>	

⁽¹⁾ Mhux obligatorju.

⁽²⁾ Hesser fejn mhux applikabbli.

⁽³⁾ Qabel jfmeqgħas il-piż fiss ta' l-iskart meta dan ikun imwaħħal mal-karkassa jew mar-robbu wannani mhux separat.

